31999D0528

L 203/68 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 3.8.1999

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Lulju 1999

li tistipula kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u prodotti ta' akwakultura li joriġinaw fil-Jemen

(notifikata skond dokument numru C(1999) 2060)

(Test b'relevanza ŻEE)

(1999/528/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistipula kondizzjonijiet ta' saħħa għal prodotti u t-tpoġġija fuq is-suq ta' prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/79/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

(1) Billi tim ta' esperti tal-Kummissjoni għamel żjara ta' spezzjoni fil-Jemen biex jivverifika l-kondizzjonijiet li bihom prodotti ta' ħut huma prodotti, maħżuna u mibgħuta lill-Komunità;

(2) Billi d-disposizzjonijiet ta' leġislazzjoni tal-Jemen dwar l-ispezzjoni ta' saħħa u ħarsien ta' prodotti tas-sajd jistgħu jkunu kkunsidrati ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 91/493/KEE;

(3) Billi, fil-Jemen id-Dipartiment Tekniku dwar Kontroll tal-Kwalità tal-Ministeru tal-Ġid ta' Ħut biex jivverifikaw b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

(4) Billi l-proċedura sabiex jinkiseb iċ-ċertifikat ta' saħħa imsemmi fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandu jkollu fih wkoll it-tifsira ta' ċertifikat mudell, il-ħtiġiet minimi dwar il-lingwa jew lingwi li bihom dan għandu jkun abbozzat u l-grad tal-persuna li hija ntitolata li tiffirmah;

(5) Billi, skond l-artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandu jkun hemm marka fuq il-pakketti ta' prodotti tas-sajd li tagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen kiesaħ, jew bastiment friża ta' oriġini;

(6) Billi, skond l-artikolu 11(4)(c) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha ssir lista ta' stabbilimenti approvati/reġistrati, bastimenti fabbrika, jew maħżen kiesħa; billi għandha ssir lista ta' bastimenti friża reġistrati fis-sens tad-Direttiva 92/48/KEE [3]; billi dawn il-listi għandhom isiru fuq bażi ta' komunika mit-TDQC (i.e. Dipartiment Tekniku dwar il-Kontroll tal-Kwalità) lill-Kummissjoni; billi huwa l-obbligu tad-TDQC illi tiżgura konformità mad-disposizzjonijiet stipulati għal dak l-iskop fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

(7) Billi t-TDQC ipprovdiet assigurazzjonijiet uffiċjali dwar konformità mar-regoli stipulati fil-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/EEC, dwar it-twettieq tal- ħtiġiet ekwivalenti għal dawk stipulati minn dik id-Direttiva għall-approvazzjoni jew reġistrazzjoni ta' stabbilimenti, bastimenti fabbrika, maħżen kiesħa jew bastimenti friża ta' oriġini;

(8) Billi l-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Dipartiment Tekniku dwar il-Kontroll tal-Kwalità (TDQC) tal-Ministeru tal-Ġid ta' Ħut għandha tkun l-awtorità kompetenti fil-Jemen biex tivverifika u tiċċertifika l-konformità ta' prodotti ta' ħut u akwakultura mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

Artikolu 2

Prodotti ta' sajd u akwakultura li joriġinaw fil-Jemen għandhom jikkonformaw mas-segwenti kondizzjonijiet.

1. Kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat ta' saħħa oriġinali numerat, mimli, iffirmat, idattat u li jikkonsisti f'folja waħda skond il-mudell fl-Anness A.

2. Il-prodotti għandhom jiġu minn stabbilimenti approvati, bastimenti maħzen, jew bastimenti ta' friża reġistrati mniżżla fl-Anness B.

3. Salv fil-każ ta' prodotti ta' ħut iffriżat bil-qabda u intiżi għall-manifattura ta' ikel priservat, il-pakketti kollha għandhom iġibu l-isem "Jemen" u n-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħzen kiesaħ jew bastiment friża ta' oriġini b'ittri li ma jitħassrux.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 187, tas-7.7.1992, p. 41.

Artikolu 3

1. Għandhom isiru ċertifikati kif imsemmija fl-Artikolu 2(1) mill-inqas b'lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru fejn l-ispezzjonijiet isiru.

2. Ċertifikati għandhom iġibu l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappreżentant tat-TDQC u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dak ta' firem oħra.

Artikolu 4

Din id-Deċizjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS A

ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA

għal prodotti ta' ħut u akwakultura li joriġinaw fil-Jemen u ntiżi għall-esportazzjoni lill-Komunità Ewropea, minbarra molluski bivalvi, ekinodermi, *tunicates* u *gastropods* marini fi kwalunkwe forma

Nru ta' referenza: .....

Pajjiż tal-kunsinna: Jemen

Awtorità Kompetenti: Dipartiment Tekniku tal-Kontroll tal-Kwalità tal-Ministeru tal-Ġid tas-Sajd

I. **Dettalji li jidentifikaw prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni ta' prodotti tas-sajd/akwakultura ([1]): .....

— speċi (isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni ta' prodott u tip ta' trattament ([2]): .....

— Numru ta' kodiċi (fejn japplika): .....

— Tip ta' ippakkjar: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż net: .....

— Ħażna mehtieġa u temperatura ta' ħażna: .....

II. **Oriġini ta' prodotti**

Isem jew ismijiet u numru/i uffiċjali ta' stabbiliment/i, jew maħżen/maħżen kiesha approvati jew bastiment(i) friża reġistrati permezz tar-reġistrazzjoni mit-TDQC għall-esportazzjoni lill-Komunità Ewropea

.....

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni ta' prodotti**

Il-prodotti jintbaghtu minn: .....
(post ta' kunsinna)

lil: .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

permezz tas-segwenti mezz ta' trasport: .....

Isem u indirizz ta' min jikkunsinna: .....

.....

.....

Isem tal-persuna li tirċievi kunsinna u indirizz fil-post ta': .....

.....

.....

([1]) Ħassar fejn jixraq
([2]) Ħajjin, fil-fridge, iffriżati, immelħa, iffumigati, priservati, eċċ.

IV. **Ċertifikat ta' sahha**

— L-ispettur uffiċjali qieghed hawnhekk jiċċertifika illi l-prodotti ta' hut u akwakultura speċifikati hawn fuq:

(1) kienu maqbuda u trattati fuq bastimenti skond regoli ta' sahha stipulati mid- Direttiva 92/48/KEE;

(2) tniżżlu, ġew trattati u fejn jixraq ippakkjati, ppreparati, pproċessati, ffriżati, mdewwba u mahżuna b'mod iġjeniku b'konformità mal-htiġiet stipulati fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

(3) ghaddew minn kontrolli ta' sahha skond il-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

(4) huma ppakkjati, mmarkati, mahżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

(5) ma jiġux minn speċi tossiċi jew speċi li fihom *biotoxins*;

(6) ghaddew b'mod sodisfaċenti minn spezzjonijiet organoleptiċi, parassitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stipulati ghal ċerti kategoriji ta' prodotti ta' hut mid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni.

— L-uffiċjal hawn taht iffirmat qieghed hawn jiddikjara li huwa jaf bid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, tad-Direttiva 92/48EEC u din id-Deċiżjoni.

Maghmula ....., fil .....
(Post) (Data)

Timbru uffiċjali ([3])

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali ([3])

.....
(Isem b'ittri kbar, kompetenza u kwalifiki tal-persuna li qed tiffirma)

([3]) Il-kulur tat-timbru u tal-firma ghandhom ikunu differenti minn dak użat fil-kumplament taċ-ċertifikat.

ANNESS B

I - **LISTA TA' STABBILIMENTI APPROVATI**

Numru	Isem	Indirizz
01-A	Coastal Fishing Corporation	Almahra
02	Public Corporation for Services and Fish Marketing	Aden
03	Burum Fishing and Marketing Co.	Alsheher
04	Sheher Fisheries Co.	Alsheher
05	Mussallam Trading Est.	Hodeida
07	Qataria Fish Processing Co. Ltd	Hodeida
09	Trust Company (Abubakar Hassan Est)	Alsheher

II - **LISTA TA' BASTIMENTI FRIŻA REĠISTRATI**

Numru	Isem	Port
08-A	Yathrib (Fisheries Investment Co. Ltd)	Almahra